L-Università ta' Malta
Il-Fakultà tal-Arti
Id-Dipartiment tal-Malti

FONDAZZJONI KARMEN MIKALLEF BUĦAĠAR



# Dun Karm u Edward Caruana Dingli quddiem l-'Angelus Novus'

Giuseppe Schembri Bonaci

L-Università ta' Malta
Il-Fakultà tal-Arti
Id-Dipartiment tal-Malti

FONDAZZJONI KARMEN MIKALLEF BUĦAĠAR

# Dun Karm u Edward Caruana Dingli quddiem l-'Angelus Novus'

Giuseppe Schembri Bonaci

Pubblikazzjoni tal-Fondazzjoni Karmen Mikallef Buħaġar u
d-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta, 2019

ISBN: 978-99957-1-484-0

Drittijiet kollha miżmuma mill-awtur u l-pubblikatur

Reviżur tat-test: Bernard Micallef
Koordinatur tal-pubblikazzjoni: George Farrugia

Stampat: Best Print Co. Ltd, il-Qrendi

Dan l-istudju ġie ppreżentat fil-Konferenza Karmen Mikallef Buħaġar nhar il-25 ta' Ottubru 2017, fl-Università ta' Malta, l-Imsida, organizzata mill-Fondazzjoni Karmen Mikallef Buħaġar u d-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta.

Is-sit tad-Dipartiment tal-Malti fl-Università
www.um.edu.mt/arts/malti



Il-pittura *Angelus Novus* ta' Paul Klee turi anġlu li donnu qed iħares daqslikieku ħesrem se jiċċaqlaq u jaħrab dlonk minn xi ħaġa li kien qed jikkontempla bi profondità. Għajnejh iċċassati, ħalqu miftuħ, ġwenħajh miftuħa. Hekk nistgħu nimmaġinaw li hu l-anġlu tal-Istorja – wiċċu lejn il-passat. Meta aħna nilmħu biss sekwenzi ta' avvenimenti separati, hu jaħtaf katastrofi waħda, sħiħa, katastrofi li tibqa' ġġemma' t-tifrik, wieħed wara l-ieħor, waħda wara l-oħra, u jtajjar dan kollu f'wiċċna. L-Anġlu jixtieq jibqa' hawn u saħansitra jqajjem il-mejtin u jerġa' jagħmel sħiħ dak li diġà tfarrak. Iżda hemm tempesta riesqa mill-ġenna, tempesta li nqabdet mal-ġwienaħ tiegħu b'tant vjolenza li ma jista' b'ebda mod jagħlaqhom. Din it-tempesta ovvjament qed timbotta 'l quddiem, mingħajr ebda tfixkil, lejn il-futur li dahru qed iħares lejh, filwaqt li t-tifrik li qiegħed quddiemu jitla' lejn is-smewwiet: din it-tempesta hija l-progress.

Walter Benjamin

# 1.

Formalment, kemm Dun Karm kif ukoll Caruana Dingli jesponu, ovvjament bil-modi differenti tagħhom, l-istess tema tal-idillju.

Iżda waqt li l-poeta jara din l-illużjoni tal-idillju bħala tfittxija għal '*una ricca umanità nel cosmo*,' jew għal dak li l-karattru Charles Bovary ta' Flaubert iddefinixxa bħala 'ħolm ta' ferħ mhux magħruf,' il-pittur iwassalna għal status kuntrarju, ċoè għal status ta' '*oubli,*' ta' 'tbarrija,' ta' distakk minn realtajiet kemm soċjali kif ukoll traxxendentali.

Din it-tema kienet ukoll tifforma parti eċċitanti mill-ħsibijiet ta' ġenju kontemporanju, Proust, speċjalment fl-interpretazzjoni tiegħu ta' dak li sejjaħ '*mémoire involontaire*' ċoè, azzjoni sekondarja, bħal meta x-xamm jipprovoka memorja mill-fond tal-għarfien uman. Fil-fatt huwa interessanti kif Proust għaqqad din id-domanda mat-tema jekk ix-xogħol tar-rakkmu ta' Penelope kienx azzjoni li biha wieħed jiftakar jew, għall-kuntrarju, kienx intenzjonat biex inessi.

Ir-relazzjoni ta' kif ċerti azzjonijiet għandhom l-objettiv li jfakkru jew li jnessu hija ċentrali fl-istudju li qed nagħmel fuq Dun Karm u Caruana Dingli kif se naraw 'il quddiem.

Waqt li l-kreattività poetika hija rabta mal-prinċipji protoeżistenzjali ta' Leopardi u mal-għejun tas-Soċjaliżmu

fewdali, il-kreattività viżwali ta' Caruana Dingli hija kreattività ta' '*joie de vivre*', eġemonika li sservi bħala aljenazzjoni soċjali.

Dun Karm iwaħħad l-att ta' kreattività, il-prassi ta' azzjoni kreattiva ma' esperjenza 'mistika,' ħaġa li ssib il-kontrapunt vjolenti, anki fatali, tagħha f'Caruana Dingli, li jagħtina l-alternattiva tiegħu fil-forma ta' '*laissez-faire*,' '*Belle-Époque*', '*joie de vivre*,' u dan iwettqu permezz ta' Dekadentiżmu kkulurit, anke virtwuż.

Jekk l-ewwel kategorija Dunkarmjana li aċċennajna għaliha hija t-tema tal-idillju, u t-tieni hija l-esperjenza 'mistika,' it-tielet kategorija li f'sens stramb twettaq paralleliżmu bejn iż-żewġ personaġġi hija n-natura.

Hawn nersqu ħafna viċin il-ħsibijiet ta' Baudelaire li, bħal Dun Karm, iqis in-natura bħala l-għajn prinċipali tal-moralità tal-bniedem. L-istess aspett insibuh żviluppat sew fix-xogħlijiet ta' Flaubert, li kien jemmen fil-poter anestetiku morali tan-natura, jiġifieri fil-possibilità ta' paċi u trankwillità fi ħdan ħajja rurali u pastorali. Dan l-idillju nistgħu wkoll narawh fir-relazzjoni bejn Baudelaire u Matisse, fix-xogħol tal-pittur Franċiż *Luxe, Calme et Volupté* (1905), li fil-fatt adatta t-tema mill-ktieb ta' Baudelaire *L'Invitation au voyage*. L-antiidillju, mill-banda l-oħra, nistgħu b'mod verament interessanti narawh fir-relazzjoni bejn l-istess Baudelaire u Manet, li x-xogħlijiet tiegħu *Déjeuner sur l'herbe* u *Olympia* nibtu mill-ġabra poetika *Les Fleurs du Mal*. Baudelaire, għalhekk, nebbaħ kemm l-idillju pastorali u naturali, kif ukoll l-antiidillju sfaċċat tal-Moderniżmu.

Waqt li Dun Karm, kważi b'mod pantaetiku kif kien ukoll iħares lejha Josef Kalleya, jara n-natura bħala djalogu dirett mad-divin, Caruana Dingli jaraha biss bħala purtiera teatrali mnebbħa forsi kemm minn prinċipji Dekadenti iżda wkoll minn sfond simili Manetjan, bħalma naraw in-natura mpittra fix-xogħol *Déjeuner sur l'herbe.* Iżda f'Caruana Dingli ma nisimgħu ebda *voci secrete*, lanqas ma nħossu eku tat-turbulenzi li naraw b'empatija profonda madwar, pereżempju, il-ħabs tal-kanarin Dunkarmjan. Il-poeżija tal-ħabs tal-kanarin mhijiex biss il-ħabs itturmentat ta' Dun Karm bħala bniedem, lanqas ma hija biss il-kuntradizzjonijiet paradossali li għaddej minnhom il-poeta, iżda hija wkoll riflessjoni bħal f'mera tat-twelid ta' nazzjon, l-uġigħ ta' tqala soċjali. Il-ħabs tal-kanarin qed jissimbolizza idillju radikalment differenti, jiġifieri, dak li Walter Benjamin isejjaħ '*death-fraught idyll*,' idillju mimli xewqat il-mewt. Hawn l-idillju jitlef kull sens tan-natura bl-invażjoni vjolenti tal-urban. Meta belt, fil-każ ta' Baudelaire Pariġi, issir is-suġġett tal-poeżija lirika allura l-idillju urban ma 'jkunx ħlief b'wiċċ soċjali modern.'

Dan l-hekk imsejjaħ idillju modern isib kenn fi ħdan 'il-loġoġ bl-arkati' li fihom tkun proċessata l-ħajja urbana moderna fejn taħkem l-idea tal-kożmopolitaniżmu, tal-moda, tal-kożmetika, tal-prostituzzjoni merkantili. U huwa l-*flâneur* li jimraħ u jħawwel fjur fil-ħamrija tat-tarmak urban, għalkemm hu jibqa' barra mill-fruntiera tal-villaġġ borgiż.

Fil-'kanarin' joħroġ ċar dan l-aspett tal-fruntiera perikoluża tal-iżvilupp li jibqa' għaddej lil hinn minna mingħajr ma jħallina nkunu parti minnu.

Il-poeta jirnexxilu jittraxxendi l-partikolar lejn universaliżmu soċjali anke permezz tal-figura minimalista tal-kanarin li tħaddan fiha, bħax-xbieha konċiża tal-ħajku, it-tensjoni bejn il-perspettiva urbana u dik rurali.

Il-multilivellar tas-sens ta' poeżija bħal din ifakkarni fix-xogħlijiet ta' Magritte meta jurik illużjonijiet reali minsuġin ġo xulxin, b'realtajiet dispari jirriflettu lil xulxin fl-istess mera.

Din il-poeżija verament kienet imnebbħa minn dipressjoni kontinwa ta' Dun Karm, u nistgħu ngħidu wkoll li hija l-qofol ta' poeżija oħra qawwija, 'Il-Ġerrejja u Jien.' Iżda att kreattiv ma jistax jiġi minimizzat għall-azzjoni purament individwali u suġġettiva. L-att kreattiv jitwieled minn ġuf individwu uman li jkun qed jassorbi evoluzzjoni u żviluppi soċjoekonomiċi-kulturali sħaħ.

Id-dipressjoni ta' Dun Karm kienet ukoll dipressjoni ta' nazzjon li ma kienx qed ikun konxju minn theżżiż tsunamiku għaddej minn taħtu, minkejja li qed iħoss it-tregħid tal-istess fenomenu. Id-dipressjoni ta' Dun Karm, minbarra l-validità tal-aspetti suġġettivi u psikoloġiċi tagħha bħala tiġrib individwali, kienet ukoll dipressjoni soċjali li fiha jinħass kif sistema qed tibda tikkrolla u fl-istess ħin biċċiet mis-sħiħ jibqgħu b'xi mod jew ieħor iservu ta' qafas debboli u perikoluż qabel ma jisfronda kollox.

*Ennui* mnissla mid-dwejjaq bid-delużjoni, magħrufa wkoll bħala *mal du siècle*, flimkien mal-*angst* bla raġun, u l-*Weltschmerz* tal-moħħ li ma jkunx jista' jaċċetta realtajiet ġodda: dawn huma t-tliet forom ta' temperament li jieħdu spinta kerha minħabba l-aljenazzjoni radikali li seħħet permezz tal-Moderniżmu

industrijali, kif se naraw aktar 'il quddiem. Eżempji oħra tal-istess temperament, u kontemporanji ta' Dun Karm, huma r-rumanzi ta' John Steinbeck *The Winter of Our Discontent* u *East of Eden,* u r-rumanz ta' Henry Miller *Tropic of Cancer*. Dan hu sfond globali relevanti għall-aspett skiżmoġeniku tal-poeżija ta' Dun Karm.

Caruana Dingli, f'konfront ma' dawn it-turbulenzi kollha tal-perjodu, jiġi essenzjalment mitfi mill-profondità kontemporanja ta' Dun Karm. L-unika realtà li kienet tinteressa lil Caruana Dingli kienet il-'verità' Imperjali Brittanika. L-iskiżmoġenika Dunkarmjana hija kompletament assenti f'Caruana Dingli, eżattament għax il-proposti viżwali tal-pittur kienu l-istess xibka li qed iżżomm l-illużjoni ta' stabilità qabel it-tiġrif. Hawnhekk, paradossalment, jiltaqgħu u jingħaqdu Dun Karm u Caruana Dingli: Dun Karm jinqabad fil-kuntradizzjonijiet fatali li qed iwasslu għall-mewt tal-ħajja u tal-eżistenza kif nafuha, u Caruana Dingli joffrilu b'mod viżwali l-illużjoni ta' ħajja ġdida fi ħdan sistema politika soċjali Imperjali.

Finalment Dun Karm ċeda u l-interessi soċjoekonomiċi ta' Malta Taljana jsibu qafas ta' kompromess storiku imma delikat mal-interessi globali ta' sistema ġdida, dik Imperjali, għalkemm xorta waħda Malta Taljana ħarġet rebbieħa kontra l-politika Stricklandjana lejn Malta riformata u moderna fuq linji Brittaniċi, għall-inqas għalissa. Iżda l-kompromess kien fil-qrib.

Naraw il-*portraits* li ħadem Caruana Dingli tal-Isqof Gonzi, ta' Dun Karm, tal-istess Filippo Sceberras li kien figura vitali fl-irvellijiet tal-1919 iżda wkoll il-bniedem li warrab minn din ir-rotta politika, kif ukoll tal-Kurunell John Louis Francia, il-kaġun innifsu tal-irvellijiet: qawsalla vera sabiħa ta' *portraits*.

Caruana Dingli kien qed jirrifletti mhux biss l-ispirtu taż-żmien li fih kien qiegħed iwettaq xogħlu, mhux biss iż-*zeitgeist*, iżda kien ukoll qed ikun għodda sabiex permezz tax-xogħol tiegħu, jiġifieri bi kreazzjoni ta' illużjoni, jaljena l-ħidma mentali ta' poplu, ħidma neċessarja li hemm bżonn tkun ċara u determinanti. Ma ninsewx li qed nitkellmu fuq żminijiet ukoll tal-moviment tax-Xirka tal-Imdawlin ta' Manwel Dimech, Juann Mamo, żminijiet ta' żvilupp qawwi fis-servizzi u fl-industrija, teknoloġikament innovattivi, radikali u liema bħalhom fejn jidħol it-twaqqif ta' partiti politiċi li jħaddnu twemmin proletarju.

Waqt li għal Dun Karm din ġabet magħha kriżi eżistenzjali ta' identità u ta' alleanzi skomdi, għal Caruana Dingli kienet deċiżjoni u għażla favur l-ispirtu u l-aspirazzjonijiet tal-klassi dominanti li hu stess kien ovvjament jagħmel parti minnha. U mhux biss, hu kien qiegħed jirrifletti wkoll l-ispirtu ta' dominanza globali li rnexxielha tassumi u timmonopolizza l-Gran Brittanja.

Caruana Dingli anke kien qiegħed konxjament jirrifletti paradoss interessanti li jgħaqqad l-aspirazzjonijiet ġodda, dawk tal-borgeżija ġdida Maltija, mal-antipodi aristokratika tagħha, antika iżda xorta kontemporanja ma' żmienu. Dan kollu jiltaqa' fi spazju interessanti, il-Casino Maltese, binja li l-għeruq tagħha jinsabu fil-bidu tal-infrastruttura borgiża bikrija Maltija, dik tat-Teżorerija tal-Ordni ta' San Ġwann, u li ssib il-kontrapunt tagħha fil-Borża, kif se jintwera ftit aktar 'l isfel.

Bejn dawn iż-żewġ binjiet, 50 metru 'l bogħod minn xulxin, sar il-patt storiku bejn il-klassi aristokratika u dik ġdida borgiża. Kellhom bilfors isibu pjattaforma komuni quddiem il-biża' 'apokleptika' ta' qawmien mill-klassi l-baxxa proletarja: alleanza

strateġika kontra kwalunkwe riformi radikali soċjali u kontra kwalunkwe possibilità ta' qawmien ċivili, ħaġa li kienet diġà saret theddida globali.

L-għan ta' Caruana Dingli kien li fi ħdan il-kuntradizzjonijiet vjolenti ta' tibdil soċjali fenomenali kellu b'xogħlu jipprova 'jtaffi' f'sens Gramscijan l-impatt perikoluż skiżmoġeniku. Hu għażel li juża l-istess forma idjomatika, imma viżiva, imnebbħa minn Dun Karm, u superfiċjalment beda wkoll jipproklama ritorn lejn l-istatus idilliku rurali, fejn suppost kellna nsibu l-paċi u t-trankwillità spiritwali. Biss Caruana Dingli għamel dan b'mod spettakolari illi llum insibuh bħala approċċ 'post-truth' u anke 'post-Modernista' fis-sens li din il-ħolma rurali tiegħu ma kienet xejn ħlief mudellar superfiċjali tal-istess klassi dominanti mlibbsa minnu b'kostum ta' raħħala u bdiewa. Min-naħa l-oħra, kien Manwel Dimech li 'ordna' lill-membri ħaddiema tax-Xirka sabiex dawn jilbsu borgiż u jitgħallmu l-valuri u l-manjieri borgiżi, bil-għan li ma jibqgħux marmalja. Caruana Dingli libbes il-klassi l-għolja kostumi rurali bħala mudelli u Dimech libbes realment u għallem il-mod borgiż tal-ħajja preżenti.

Fejn Dun Karm, minħabba s-sinċerità poetika u l-kuxjenza soċjali tiegħu, ma setax isolvi l-kuntradizzjonijiet soċjali perikolużi, tant li ħadna lura lejn iċ-ċaflis fil-ħamrija fertili divina, Caruana Dingli adatta u xxinxilla din l-idjoma artistika b'kożmetika tax-xufftejn, ikkożmetizza f'sens Gramscijan anke r-ruralità Dunkarmjana.

Hawn naraw paradoss ġdid: b'dan il-mod Caruana Dingli 'ddemokratizza' l-arti kożmetikament ħalli ma jkunx hemm kwalunkwe possibilità li arti verament tal-għeruq popolari, tal-poplu, tkun tista' tinbet u tixxettel u tittrasforma ruħha f'poter

verament demokratiku u radikali. L-eġemonija tassorbi kull dissens. Ix-xogħol hekk imsejjaħ 'demokratiku' ta' Caruana Dingli, bħalma nar jiġi pprovokat sabiex jitfi nar aktar b'saħħtu, ħonoq it-twelid ta' arti verament demokratika.

Irridu iżda wkoll niftakru li kien Caruana Dingli l-ewwel li qata' l-kurdun umbelikali minn ġuf il-kultura Taljana u wera li jista' jkollna anke arti li s-suġġett tagħha huwa 'l bogħod minn suġġetti reliġjużi u tal-Knisja. Dan, iżda, Caruana Dingli wettqu mhux biex bid-dħul ta' ġeneri ġodda jgħolli l-livell tal-klassi l-baxxa u jġibu ugwali mal-livell tal-klassi l-għolja kif ħolom Manwel Dimech, iżda kif jgħid Gramsci, bl-iskop kuntrarju li l-klassi l-baxxa tibqa' aljenata u tibqa' staġnata fil-pożizzjoni tagħha ta' subalternità. Ir-ribelljoni kemxejn tardiva ta' Preca u Kalleya kontra r-Romantiċiżmu ta' Calì u l-Akkademiżmu Ruman ta' Pisani ġiet fil-fatt abortita mill-ħakma virtwuża tal-kompromess dittatorjali ta' Caruana Dingli, li użurpa l-wirt Calì-Pisani sabiex ma jħalli ebda żerriegħa ta' ribelljoni tinbet. Ħoloq l-effett *allelopatiku* meta siġra jew pjanta tuża l-forzi respiratorji tagħha biex toħnoq kwalunkwe żerriegħa oħra milli tinbet. Il-kuluri kartolinizzati ħonqu l-iżvilupp ta' arti radikali li kienet qed tinbet bil-mod il-mod.

Id-differenza klassista bejn it-tnejn tikkonsisti fil-fatt li fejn Dun Karm kien qed ikun vuċi ta' klassi dominanti tradizzjonali Sikulo-Fewdoklerikali, li kienet iżda fl-affann tagħha quddiem terremoti borġiżi-industrijali u li huwa kien qiegħed b'mod allarmanti jħoss, Caruana Dingli kien qed jissublima din l-istess lingwa eġemonika, jissuperfiċjalizzaha sabiex b'hekk takkomoda dawn l-istess terremoti li hu kien vuċi tagħhom. Caruana Dingli kien konxju ferm illi 'jkollna nitbiddlu sabiex nibqgħu l-istess,'

lezzjoni importanti tal-*Gattopardo*. Din hi l-arti ta' Caruana Dingli. Waqt li l-pittur għażel ix-xalar u l-*Belle Époque* flimkien ma' libertà aristoborgiża, Dun Karm għażel it-traġedja tad-dipressjoni u l-iżolament.

Caruana Dingli b'virtwożità eċċellenti jirnexxilu jaħkem idjoma progressiva fil-faċċata tagħha tar-Realiżmu, billi ħeba r-Realiżmu radikali b'Realiżmu differenti, imsejjaħ Kostumbrista. Fi kliem ieħor, ir-Realiżmu Kostumbrista tiegħu rnexxielu jwarrab il-possibilità tat-twelid ta' Realiżmu Rivoluzzjonarju. Ħa r-Realiżmu u biddel l-idjoma tiegħu, billi żamm il-faċċata iżda warajha ħoloq direzzjoni ideoloġika oħra. Waqt li r-Realiżmu tas-seklu 19, dak ta' Courbet, ta' Millet, ta' Daumier, wera b'mod ċar il-qilla sovversiva tiegħu bħala Realiżmu politiku u radikali, Caruana Dingli biddel ix-xejra tal-istess idjoma, l-indirizz tagħha, u adatta l-idjoma Naplitana nostalġika biex b'hekk issuperfiċjalizza l-kuntradizzjonijiet mill-qiegħ li kien għaddej minnhom Dun Karm, li għall-kuntrarju la seta' u lanqas ried jaħbihom.

Is-superfiċjalità eġemonika u ideoloġika (sa ċertu punt anke anti-Dunkarmjana) ta' Caruana Dingli tidher espliċitament anke mis-sempliċi fatt li l-maġġoranza assoluta tal-pitturi idilliċi-rurali tiegħu kienu fil-fatt mudelli membri tal-klassi dominanti aristoborgiżi stess, jew membri fis-servizz tal-istess klassi, imlibbsin patetikament u paternalistikament ta' raħħala u bdiewa, ilkoll bi tbissima anġelika (hu nnifsu, Galea Naudi, Rizzo Marich, u l-familji). M'aħniex se nsibu f'dan il-kompendju 'soċjali' l-*Ikla Patata* ta' Van Gogh jew *L'Angélus* ta' Millet.

Kif jgħidilna Benjamin, il-klassi dominanti permezz ta' proċess ta' sublimazzjoni, li jien insejjaħ proċess ta' koopzjoni/assorbiment ('co-option/absorption'), tpoġġi l-klassijiet l-oħra f'kompartament, f'kexxun ta' xi estetika folkloristika, eżotika. Fl-istess ħin id-definizzjoni ta' 'folklor' issir aċċettata universalment u tibda tinftiehem bħala ħaġa arkajka, ħelwa, grazzjuża, stramba, kif ukoll ħaġa li tipprovoka tbissim u daħq minħabba l-aspett redikolu tagħha, ħaġa 'pittoreska.' Fil-parametri ta' definizzjoni bħal din, il-'folklor' jiġi aċċettat u rikonoxxut u anke premjat f'festivals varji u ġo vetrini ta' mużewijiet u skejjel. Hawn Caruana Dingli embrijonikament irnexxielu jikkrea l-ewwel żerriegħa għall-qtil tal-awtentiċità ta' identità li wasslitna sal-festivals illum tal-għana, pereżempju.

Waqt li Courbet, membru attiv rivoluzzjonarju anke tal-Komun ta' Pariġi, ħoloq moviment Realista bbażat fuq il-profondità psikoloġika tal-iskola Spanjola ta' Velázquez u Zurbaran, u fuq l-iskola Venezjana u Rembrandt, u rnexxielu jdawru f'arma rivoluzzjonarja kontra l-valuri dominanti tal-epoka, Caruana Dingli joħloq 'kontrasfida' fejn ir-Realiżmu jsir servili għall-interessi tal-klassi dominanti billi jagħtina Realiżmu kożmetiku, u b'hekk arti perikoluża. Perikoluża għax qed jagħtina xempju ta' faċċata Realista li taljenana mir-realtajiet profondi quddiem għajnejna minflok il-kontra. Waqt li Courbet farrak l-ideoloġija artistika tad-dominanza tas-*salon* Franċiż, Caruana Dingli jerġa' jdaħħlu.

Paradossalment, Dun Karm kien qed jaġixxi b'mod parallel, iżda bi profondità kontradittorja. Dun Karm għażel li jaqbad il-paganiżmu Foscoljan, in-niħiliżmu eżistenzjalista Leopardjan, jikkristjanizzahom – anzi jikkattoliċizzahom – sabiex bl-istess

mottivi ta' Caruana Dingli jinnewtralizza l-qawwa tagħhom sovversiva, injostika u anke kważi atea.

Minn Foscolo anti-Kattoliku ta' *I Sepolcri* (1807), Dun Karm ħa fost oħrajn il-kenn mixtieq għall-passat mill-miżerja tal-preżent u, aktar minn dan, il-biża' tad-dlam vojt li qed joffri l-futur. Iżda Dun Karm jirnexxilu jneżża' lil Foscolo minn kwalunkwe aspett rivoluzzjonarju, li kien karatteristika tal-awtur u l-aġitatur Taljan. Minn Leopardi ta' *Canti* (1818), *Zibaldone* u *Idilli* (1819-1821) naraw lil Dun Karm imiss anke mal-filosofija ta' Schopenhauer ibbażata fuq il-miżerja tal-eżistenza umana mingħajr speranza. Biss Leopardi għen lil Dun Karm jagħraf il-moħħ tal-bniedem ipprovokat mir-raġuni, mill-għatx għall-għerf. L-għadu tan-natura huwa l-bniedem modern li ċaħad il-mit u r-reliġjon biex b'hekk waqa' fl-abbiss ta' *angst*.

Għall-poeta u l-pittur Maltin li qegħdin jiġu kkuntrastati f'dan l-istudju, l-*angst* kien dovut għall-biża' mill-modern. Din il-biża' tant kienet kbira, kif kienet anke għal Baudelaire u f'ċertu sens anke għal Benjamin, illi kemm Dun Karm kif ukoll Caruana Dingli rnexxielhom jaħkmu l-forma-faċċata idjomatika tal-modern mingħajr ma jħallu l-bażi filosofika u ideoloġika tal-istess idjoma tidħol fi xtutna. Din hi teorija tiegħi li ktibt fuqha f'pubblikazzjonijiet oħra u tikkonċerna l-kategorija ta' *façade*, jiġifieri li l-kreattività tkun ibbażata biss fuq il-faċċata tal-idea.

Għal Dun Karm il-biża' kien sa ċertu punt biża' mill-'mhux-magħruf.' Il-Moderniżmu kien dieħel Malta bil-mod ħafna iżda kostantement. Kien biża' mhux sempliċiment mill-'mhux-magħruf,' iżda mill-fatt illi l-'mhux-magħruf għadu mhux magħruf.' 'Biża' *façade*' minn faċċata kulturali, għax f'dak il-

mument partikolari l-elementi Modernisti ma kinux daqstant tanġibbli kif kienu fil-kontinent, kif eżattament tgħid il-pastorali tal-Isqof Pace fil-bidu tas-seklu 20. Għal Caruana Dingli l-biża' ġie mtaffi u mrażżan minn għażla ta' *joie de vivre* bbażata fuq filosofija Dekadenti mferrxa madwar l-Ewropa fil-bidu tas-seklu. Fi kliem ieħor kellna lil Dun Karm isostni l-*ars moriendi* quddiem il-biża' tal-vojt u lil Caruana Dingli jagħżel il-*carpe diem* bħala filosofija tal-ħajja quddiem ix-xejn.

Għalkemm Dun Karm kien qiegħed ukoll jistinka sabiex itaffi l-kuntradizzjonijiet perikolużi soċjoekonomiċi bħalma kien qed jagħmel Caruana Dingli, dan kien qed jagħmlu fost turbulenzi fatali, profondità ta' ħsieb u b'intuwizzjoni aktar profonda minn dak tal-pittur Malti. Ir-ribelljoni Friggierijana ta' Dun Karm ma kinitx għal tibdil radikali fis-soċjetà arkajka-fewdali iżda kienet ribelljoni, jekk tista' tgħidilha hekk paradossalment, sabiex insibu kenn fil-passat kontra l-ġenn modern tal-progress, l-industrijalizzazzjoni, il-globalizzazzjoni, u t-teknoloġizzazzjoni tal-essenza tal-bniedem.

Il-moviment hekk imsejjaħ anti-Modernista li Dun Karm kien jagħmel parti minnu, kif naraw aktar 'il quddiem, kien determinat mill-politika tal-Papa Piju X. Uħud mill-prinċipji anti-Modernisti aktar tard twasslu sal-estremità tagħhom fil-politika tar-reġim Nazista kontra l-moviment ġdid fl-arti, partikolarment il-politika magħrufa bħala 'arti-deġenerata' jew 'Mibegħda-Fest.' Dan kien sentiment bikri fil-politika Nazista anki qabel ma Hitler rebaħ il-poter, eżattament fl-1910. Il-konfużjoni tiżdied meta nsiru nafu li n-Naziżmu għannaq miegħu wkoll aspetti oħra mill-Moderniżmu, speċjalment dawk l-aspetti li jikkonċernaw metodi ġodda u rivoluzzjonarji fl-industrija, l-iktar dik militari.

Hawn Frederick Taylor u Henry Ford lagħbu logħba verament intriganti bħala kollaboraturi tar-reġim Nazista.

L-istess Moderniżmu li kien jippropaga soċjetà radikalment ġdida urbana, metropolis globali, u superindustrijalizzazzjoni tal-pjaneta sab ħamrija siewja f'sistemi dittatorjali illi fl-istess ħin ċaħdu aspetti oħra tal-Moderniżmu stess bħalma huma ċ-ċaħda tal-assolutizzazzjoni tal-valuri tal-Illuminiżmu, il-ħakma ġdida ta' filosofija Relattivista, u aspetti oħra. B'hekk kellek lil D. H. Lawrence li f'*Women in Love* u f'*Rainbow* isostni favur l-idilliku rurali, u fl-istess ħin kellek lil Ezra Pound jistqarr, '*make it new*.' F'*'The Second Coming*,' William Butler Yeats jhewden li '*The ceremony of innocence is drowned*,' u Martin Heidegger joħloq l-idea ta' *angst* imnissla mill-'homelessness' u 'homesickness,' jew minn '*...rootless technology obsessed against the rhythm of not-being-home*' (Sheehan 27-30 passim; Kaes et al. 426). Dawn l-istqarrijiet juru kif l-anti-Moderniżmu beda jfittex għodda biex jikkombatti d-dilluvju Modernist.

Il-poeta Malti wkoll kien konxju minn dan u ried jissielet immens sabiex jgħin fil-binja ta' impożizzjoni ta' strutturi speċifiċi ta' ħsieb u tifsir li kellhom il-funzjoni eġemonika li jiddominaw u jiddeterminaw il-mod ta' aġir u ta' ħsieb kollettiv tas-soċjetà, anke fi ħdan it-taqlib kollu ta' perjodu li fih kienu qed jikkollassaw il-valuri antiki u tradizzjonali kollha, permezz ta' binja proto-Heideggerjana. Il-poeta Malti kien qiegħed joffri impożizzjoni ta' ħsieb u tifsir bl-għan li l-aġir tal-poplu jkollu jirrikonoxxi, jobdi u jissoġġetta lilu nnifsu għall-poteri soċjoekonomiċi li, iżda, kienu fl-istess ħin għaddejjin minn taqlib irriversibbli. Hawn hi l-kriżi Dunkarmjana. Ma kinitx kriżi għal Caruana Dingli għax il-pittur għamel għażla netta u ċara. Dik ta' aljenazzjoni minn jew

tbarrija tal-isfidi l-ġodda sakemm ma tiġix repetuta l-esperjenza tas-7 Giugno.

Kważi kważi lest li nasserixxi – stramba kemm tidher din il-pożizzjoni – li Dun Karm, anke jekk mhux intenzjonalment, kien qed jesprimi u jurina dak li Caruana Dingli xtaq u ħadem kemm felaħ biex jaħbi b'suċċess: it-terremoti sottili li kien qed jixhed iż-żmien. Għal Dun Karm, iżda, kienet ir-ruralità passata fewdali li kellha ttaffi dawn it-terremoti anke jekk aktar tard, meta l-Moderniżmu asserixxa ruħu sew, insibu tibdil debboli f'din, dik li jiena nsejjaħ Moderniżmu difensiv.

F'Dun Karm b'hekk naraw sitwazzjoni meta l-poteri affanni tradizzjonali kellhom jingħaqdu man-negazzjoni tagħhom stess, jiġifieri mal-klassi l-baxxa rurali li wkoll, flimkien mal-klassi dominanti tradizzjonali, kienet qed tiġi kompletament spustata mill-istess eżistenza u spazji tagħha minn klassi pjuttost ġdida u moderna, dik borgiża alleata mal-poter Brittaniku. Il-klassi aristokratika-klerikali flimkien mal-klassi rurali sabu mod ta' alleanza stramb, fis-sens li ma kienx 'naturali,' fil-konfront tagħhom mal-invażjoni ta' din is-sistema ġdida borgiża. U hawn il-poeżija ta' Dun Karm tibda tagħmel sens, għad li fi ħdan paradossi kbar. Hawn ukoll, il-pittura ta' Caruana Dingli tibda tagħmel sens fis-superfiċjalità ta' ħsieb tagħha, superfiċjalità moħbija f'virtwożità estrema. Fil-fatt, nemmen li x-xogħol ta' Caruana Dingli kien eżattament hawn li sab kif ideffes feles f'din l-alleanza antiborgiża biex jofroqha. Feles li jimmanifesta ruħu b'mod ċar anke fir-relazzjonijiet uffiċjali li l-pittur kellu personalment mal-*establishment* tal-Gvern Ingliż u mal-ġerarkija tal-Knisja.

L-arti ta' Caruana Dingli tipprova tabbuża b'idjoma biex eżattament tegħleb din l-istess idjoma b'sovverżjoni interna. Kemm il-poeta kif ukoll il-pittur xaqilbu lejn idilliżmu rurali. Waqt li għal Dun Karm il-kawża ta' din it-tendenza poetika kienet it-terrur mill-Moderniżmu, mill-industrijalizzazzjoni globali u mill-faqar u l-miżerja li din kellha ġġib magħha, flimkien mal-aljenazzjoni u t-tbarrija tal-bniedem mill-essenza tiegħu stess, it-twelid ta' mostru ta' ħġieġ, metall u azzar, ta' *skyscrapers* babiloniċi u demoniċi, ta' futuriżmu supermetalliku robotizzat, u ta' robotizzazzjoni tal-bniedem, Caruana Dingli min-naħa tiegħu juża l-istess idilliżmu għall-objettiv kuntrarju: bħala loppju sabiex b'mod illużjonarju jtaffi dawn it-terremoti, bħala lqugħ li jtaffi l-impatt ta' din il-globalizzazzjoni, biex dawn ix-xokkijiet radikali jseħħu mingħajr ebda ribelljoni, u b'hekk jinnewtralizza l-kuntradizzjonijiet fatali li globalizzazzjoni bħal din kienet qed iġġib magħha, idilliżmu bħala loppju sabiex jaljena minn ġlieda fatali bejn kuntradizzjonijiet li l-istess Dun Karm kien konxju ħafna minnhom.

Ma hemmx għaraq u xemx irritanti f'Caruana Dingli, lanqas ma hemm is-sbuħija tax-xogħol krudili, lanqas it-tbandil Dunkarmjan tas-sider mar-ritmu tax-xogħol waqt il-ħasda. Ix-xemx ta' Caruana Dingli hija bozza u l-għaraq huwa frott il-gost fiżiku: it-tbandil tas-sider fuq sodda jew quddiem mera. B'hekk hawn naraw l-irrealtà ta' realtà rrappreżentata, irrealtà li tinsisti b'mod kostanti fuq konformiżmu totali tal-klassi l-baxxa tal-ħaddiem, konformiżmu lejn valuri dominanti li s-soċjetà qed toħloq u li jiġu universalizzati għal kulħadd sakemm kulħadd jisfa persważ li dawn il-valuri partikolari għal klassi partikolari huma fil-fatt valuri universali u eterni. Hawnhekk anke Manwel Dimech daħal f'kuntradizzjoni interessanti meta ħolom li

l-klassi tal-ħaddiem għandha ssir borgiża fil-ħsieb, fl-aġir u fil-ħajja. Imma din storja kemxejn differenti kif aċċennajt ftit qabel.

Kemm Caruana Dingli kif ukoll Dun Karm joħolqu sitwazzjoni nostalġika bħala refuġju mfittex fil-passat, sabiex *naħarbu* l-preżent fil-każ ta' Dun Karm. Fil-każ ta' Caruana Dingli biex *naċċettaw* il-preżent. Fi ħdan dan l-argument, Oliver Friggieri għandu raġun jikteb li għal Dun Karm ir-raħal sar barometru ta' korrettezza morali u fl-aġir, eżattament kontra l-programm Modernista tal-bidu tas-seklu 20. Dan it-tip ta' barometru jinftiehem meta naraw il-kuntest storiku radikalment ġdid bir-rivoluzzjoni industrijali li ġabet magħha l-inġinerija soċjomanifatturali ta' Taylor u ta' Ford. Din qerdet għalkollox il-bżonn ta' ħaddiema speċjalizzati fil-prodott totali. F'kuntrast ma' din l-ispeċjalizzazzjoni umana, xadina kienet taqdi l-ħtiġijiet tal-produzzjoni tal-massa aktar minn bniedem li jaħseb. Kull funzjoni saret separata taħt reġim globalizzat ta' diviżjoni ta' funzjonijiet industrijali stretti. Dan, ovvjament, wassal għal dak li jissejjaħ tneħħija tal-ħiliet mill-għadd kollettiv tal-ħaddiema (*de-skilling of the work force*).

Ir-relazzjoni bejn il-ħaddiem u l-prodott sħiħ tiegħu spiċċat, ħaġa li narawha ferm tajjeb fil-films ta' Charles Chaplin kif ukoll fix-xogħol ta' Louis Ferdinand Céline *Mort à Crédit*, li fil-fatt jittrasforma din il-biża' mill-mhux-magħruf f'waħda reali, tanġibbli u orribbli. F'isem il-Moderniżmu l-industrija reġimentata u mfassla skont il-filosofija antiumana fetħet gwerra kontra l-Umaniżmu li deher bħallikieku ma kienx fadallu aktar żmien. Céline, fil-fatt, iddefinixxa dan l-istadju bħala l-bnedmin li jridu aktar progress u l-progress li jrid aktar bnedmin – l-aktar żwieġ mostruż li qatt welldet is-soċjetà. Din ix-xbieha tal-bniedem industrijalizzat u teknoloġizzat tfakkarna f'George

Orwell u Yevgeny Zamyatin. L-istess biża' baqa' magħna anke f'perjodi aktar reċenti ta' Victor Fenech, Achille Mizzi, Daniel Massa, u Mario Azzopardi, u aktar reċenti minnhom naraw l-istess apprensjoni fi kważi l-kittieba kollha kontemporanji, bħal Immanuel Mifsud.

Għall-ġojjelli jlellxu ta' Caruana Dingli, Dun Karm jikkuntrasta bl-awtentiċità jew, forsi aħjar, bil-karba lejn awtentiċità li, ma niddejjaqx ngħid, donnha tersaq wisq lejn il-kunċett ta' awtentiċità rurali ta' Heidegger, u anke b'mod interessanti lejn il-filosofija ta' D. H. Lawrence. L-effett ta' Caruana Dingli, effett virtwuż ta' illużjoni ta' ħarir kemm fl-ilbies kif ukoll fil-ħajja 'komda,' narawh jiġi kkonfrontat mill-ħamrija kruda u krudili li fuqha tisreġ xemx qawwija Dunkarmjana. Il-ħars superfiċjalment solenni ta' Caruana Dingli jaqa' fuq id-dirgħajn godlija tal-bidwi, effett ukoll reminixxenti, kif diġà semmejt, ta' D. H. Lawrence.

Din il-ġlieda bejn l-effett urban illużjonarju u l-ħamrija jfakkarni wkoll fl-għajta ta' Baudelaire li tappella sabiex fost it-tarmak tat-toroq moderni niżirgħu l-ward. U huwa l-poeta-*flâneur* skont Baudelaire li jieħu post il-warda fil-kuntest teknoloġiku tad-dinja moderna.

Mal-hekk imsejjaħ Realiżmu ta' Caruana Dingli naraw il-familja Rjali, lil Strickland, lil Connaught, u kju sħiħ ta' arti-salott imneżża' diġà mir-Realiżmu ta' Courbet u oħrajn. Naraw is-sabiħ ta' ħajja frivola, ħajja tal-*High Parties*, lussu vojt, preżenza kontinwa ta' nisa mill-klassi għolja, nisa tal-*Belle-Époque*: l-*insignia* u l-midalji jikkompetu mal-kożmetika tal-uċuħ, il-patruni lkoll flimkien, il-benessri tal-klassi dominanti, l-ilbies tal-ogħla klassi impurtat u mhux, moda, deheb, fided, ġojjelli,

perli, alabastru, lussu Vittorjan fuq il-persuni tal-familja nobbli Testaferrata Moroni Viani, stedin espliċitu u senswali mill-fomm ta' ħafna, fosthom Vivienne Fenech, *lipstick*, ilbies provokanti, uċuħ imterra, xagħar ippermjat skont l-aħħar moda, xbejjen ittattwati. Dan huwa Caruana Dingli. U l-kliem miktub f'dan il-paragrafu ttieħed mill-kitbiet u l-istudji ppubblikati fuq ix-xogħlijiet tiegħu. Dan huwa r-ritrattista tal-poter li rnexxielu bil-virtwożità tiegħu anke jaljena ħafna akkademiċi li interpretaw ix-xogħol tiegħu bħala eżempju ta' awtentiċità mal-klassi l-baxxa.

Jekk inħarsu sew lejn ix-xogħlijiet ta' Caruana Dingli naraw aspett ferm interessanti. Meta l-pittur ikun qiegħed jaħdem fuq xogħol marbut mal-klassi dominanti l-metodoloġija artistika tiegħu tersaq lejn ritrattiżmu kważi perfett, kważi ritratt ta' perfezzjoni sal-aħħar partikolarità. Iżda meta l-istess artist ikun qiegħed jaħdem fuq xeni li jirrigwardaw il-popolin u l-klassi l-baxxa, naraw kif jirnexxilu jisfuma kollox u anke jiġġeneralizza. Fi kliem ieħor, estetikament Caruana Dingli jimmanifesta l-eżattezza fil-konkretizzazzjoni krudili tal-klassi dominanti u l-*plasticine* ġenerali u sfumat tal-klassi ddominata.

Għall-kuntrarju, Dun Karm fl-idealizzazzjoni empatika tiegħu mar-raħal jibqa' jissottolinja l-*partikolarità* meta jkun qiegħed jgħanni lill-klassi l-baxxa u jikkonfronta din mal-futilità konkreta tal-klassi dominanti. Il-konkretizzazzjoni ta' 'Rmied' issir karnival ta' *façade* borgiż f'Caruana Dingli.

# 2.

Il-Moderniżmu tas-seklu 20 kexkex awtoritajiet u poteri kemm f'Malta kif ukoll madwar id-dinja, u pprovoka reazzjoni mingħand Dun Karm u Caruana Dingli. Hija ħasra akkademika li donnu l-analiżi metodoloġika hawn Malta tieqaf mal-arti tal-bidu jew ta' nofs is-seklu 19, meta aktar u aktar nibdew insiru konxji kemm il-Moderniżmu huwa wild dirett u kontradittorju tar-Romantiċiżmu u tal-moviment tewmi tiegħu f'ċerti aspetti: in-Neo-Klassiċiżmu. Ma ninsewx ukoll li, fost aspetti oħra, ir-Romantiċiżmu u n-Neo-Klassiċiżmu huma fergħat imnisslin mill-Illuminiżmu li l-loġika tiegħu twasslet sal-ħolqien tal-*gulags* u l-kampijiet tal-konċentrament minn imħuħ estremisti.

Il-Moderniżmu b'mod drammatiku ħoloq mod ġdid ta' ħsieb, ta' aġir u ta' azzjoni, jew forsi illużjoni ta' dawn. Kien ibbażat fuq żewġ tendenzi li mad-daqqa t'għajn inqisuhom kontradittorji: ir-Romantiċiżmu u n-Neo-Klassiċiżmu, tewmin wild l-Illuminiżmu. Ma nistgħux nistudjaw ir-Romantiċiżmu u n-Neo-Klassiċiżmu jekk ma nidħlux fi studji kontemporanji ta' Giorgio Agamben, ta' Theodor W. Adorno, tal-iskola ta' Frankfurt, ta' Heidegger u l-bqija tal-istudji li llum qed iġegħluna nħarsu b'lenti differenti lejn dawn il-movimenti storiċi. Mingħajr din ix-xeħta ta' analiżi Dunkarmjana wiesgħa li ddur anki ma' artisti oħra bħal Caruana Dingli se nibqgħu fil-gaġġa anakronistika tal-Pożittiviżmu ta' kważi ftit inqas minn żewġ sekli ilu.

Fi ħdan il-limiti ta' din l-*essay* ovvjament ikolli biss naċċenna għall-aktar punti importanti. Ħafna kienu l-awtoritajiet ta' kull żmien li kienu korrettament jemmnu li r-rivoluzzjoni xjentifika li ġab miegħu l-Illuminiżmu kienet fil-fatt, skont Humphry Davy 'żiemel ta' Trojja' (Jay 25), li malli jidħol fi ħdan il-ħitan tas-soċjetà se jifqa' kull m'hemm b'riformi radikali soċjoekonomiċi li d-dinja qatt ma rat bħalhom u li jmorru lil hinn mill-iskoperti strettament xjentifiċi. Bdiet tinħass verità bbażata fuq il-progress fix-xjenza, u d-dominanza ġdida tagħha dejjem ipprovokat riformi radikali imprevedibbli kemm fil-qasam reliġjuż kif ukoll f'kull sfera soċjali. F'dan ir-rigward Joseph Priestley saħaq kemm il-ġerarkija Ingliża għandha għaliex titwerwer bl-invenzjoni tal-pompa (Jay 25).

Invenzjoni jew skoperta mhix se tieqaf fi ħdanha stess għax mhix se toqgħod fil-parametri tal-invenzjoni nnifisha, trid tiżbroffa fuq kull sfera umana lil hinn minnha. Fi kliem ieħor, rivoluzzjoni fix-xjenza ġabet u tissokta ġġib magħha tibdiliet radikali ta' ħsieb u azzjoni f'kull qasam, ħsieb-azzjoni perikoluża għall-istruttura ta' qabel. Il-ħsieb il-ġdid ikollu bżonn strutturi oħra ġodda fejn jista' jimraħ. Industrija ġdida toħloq massa enormi ta' armati ġodda ta' ħaddiema u sferi daqstant ġodda ta' ħidma, klassi ġdida taħt saqaf wieħed, b'interessi komuni, problemi komuni u aspirazzjonijiet komuni, komunità li twassal ukoll għat-twaqqif ta' organizzazzjonijiet effiċjenti kemm fil-kamp ekonomiku, soċjali u industrijali kif ukoll fil-kamp ta' unità politika tal-istess klassi, ħaġa li qatt ma setgħet isseħħ fi ħdan il-fewdoagrikolu fejn il-ħaddiem kien marbut mal-art. U dan huwa tal-biża.'

'Fraternità, Ugwaljanza, Libertà' ma kienu jfissru xejn ħlief libertà lill-iskjavi fewdali, is-servi li kienu marbutin mal-art sabiex ikunu

jistgħu bil-libertà ġdida jispiċċaw mingħajr art, mingħajr ebda mod ta' eżistenza ħlief dik tax-xogħol u b'hekk jitjassru fil-*hub* il-ġdid ta' manifattura u industrija fi ħdan l-ibliet li bdew ifaqqsu ma' kullimkien. Minflok iċ-ċens fewdali ta' prodott agrikolu issa s-soċjetà beda jkollha l-paga prekarja. Thomas Hardy wera dan b'mod inkredibbilment drammatiku u konkret fix-xogħlijiet tiegħu, u l-istess għamel il-Prim Baruni Thomas Babington Macaulay fl-istudji tiegħu tal-Istorja tal-Ingilterra. L-istess ġara fl-Ewropa u r-Russja.

Din ir-rivoluzzjoni xjentifika mifruxa ħolqot possibilitajiet konkreti superumani, iżda mhux biss. Ma' dawn il-possibilitajiet ħolqot ukoll il-ħolma, il-ħsieb, u l-qilla tal-idea li l-bniedem huwa alla li jista' saħansitra jikkontrolla n-natura b'mod assolut. L-intervent tal-bniedem modern fin-natura jidher f'dawn l-aħħar żminijiet fl-invenzjoni saħansitra ta' naħal metalliku rrobotizzat u bi programm kompjuterizzat, bl-iskop li jieħu post in-naħla naturali li qiegħda f'periklu ta' estinzjoni. Dan hu eżempju wieħed biss ta' bniedem li issa donnu ħa l-kariga ta' aġent suprem li jorjenta jew jissostitwixxi kif jidhirlu l-kundizzjonijiet tal-ħolqien.

Minflok insalvaw l-ispeċi umana b'politika umana li ssegwi n-natura, qegħdin nirrobotizzaw il-pjaneta. Anke waqt li nitkellem qed jissokta studju sabiex il-problemi tal-klima u tal-atmosfera nsolvuhom permezz ta' atmosfera metallika u artifiċjali. Dan it-twemmin perikoluż evolva mit-twemmin ta' ordni matematika-xjentifika perfetta li hi biss tagħti sens lill-kaos tal-madwar, u dan nibet minn xejra fit-twemmin Klassiku: hija x-xjenza li tista' tagħti risposti u alternattivi lill-kaos mistħajjel fin-natura: l-għerf marbut, kif nafu, mat-tuffieħa ta' Adam u Eva.

Ir-Romanticiżmu, fl-istess nifs, qawwa fil-bniedem is-sensibilità tal-fidi li setgħet tiġi applikata wkoll fuq l-idea ta' kontroll uman – imqar bil-preċetti Neo-Klassiċi, fuq l-univers, it-twemmin li dan jista' fil-fatt jitwettaq f'forma jew oħra: il-fakultà poetika-kreattiva-estetika, il-fakultà xjentifika, u l-bqija.

Giacomo Leopardi, bħal ħafna poeti oħra tal-istess epoka, tkexkex minn xjenza li qies bħala distruttiva: '*la scienza distrugge ... perchè determina le cose e ce ne mostra i confini ... la scienza è nemica della grandezza delle idee*' (Biral 29). Fl-istess ħin, Leopardi għaraf li ġlieda kontra l-iżvilupp modern hija bħall-kastig ta' Sisifu, għaraf l-impossibilità li wieħed iżomm it-tsunami tal-avvanz xjentifiku. Dun Karm ipprova joħloq eku ta' Leopardi meta anke llimita l-bżonn tal-għerf: 'ngħidlek li l-għerf hu ġenn / agħraf dak biss li jista' / jgħallmek tagħder u tħenn' ('Għerf li Jiswa'). Manwel Dimech kontemporanjament sostna l-oppost. M'hemmx konfini għall-għerf. Hu poġġa l-għerf, it-tagħlim, ix-xjenza fil-qofol tar-ribelljoni tiegħu kontra ċerti aspetti tas-soċjetà l-ġdida.

Fl-istess ħin li Dun Karm kien qed jissielet kontra l-azzjoni tal-għerf, Caruana Dingli bħalu kien qed juri li m'hemmx bżonnu: wieħed billi jiffavorixxi ħajja sempliċi, anġelika, rurali u awtentika, u l-ieħor billi jagħżel ix-xeħta *laissez-faire* u *joie de vivre*. Iżda t-tnejn jissuġġerixxu l-funzjoni tal-arti bħala loppju. Fil-Moderniżmu tispikka x-xewqa għall-għerf infinit, li jiġbor fih l-aspirazzjoni għal kontroll sħiħ tal-bniedem u l-univers. Iżda dan il-moviment nesa li l-kontroll tal-bniedem fuq in-natura jfisser ukoll il-kontroll tal-bniedem fuq il-bniedem.

Dun Karm astutament jappella għal-limiti tat-tuffieħa: ħolma idealista u anke sfortunatament reazzjonarja. Dak li Oliver

Friggieri jinterpreta bħala ribelljoni Soċjalista f'Dun Karm għandu wkoll l-aspett ta' reazzjoni Romantika anti-Modernista li tpoġġi lil Dun Karm fil-kamp magħruf bħala 'Soċjaliżmu fewdali' li fil-fatt mhi ribelljoni xejn, iżda reazzjoni sabiex il-progress jiġi b'xi mod jew ieħor imtaħħat minn għajta biex immorru lura, nostalġikament, fil-passat rurali u idilliku.

L-attakk vjolenti industrijali borgiż tant kien b'saħħtu illi kexkex mhux biss il-klassi dominanti ta' qabel, jiġifieri l-klassi aristokratika fewdali mwaħħda mal-art, iżda wkoll lill-klassi l-ġdida industrijali nnifisha, il-klassi tal-ħaddiem flimkien mal-klassi l-baxxa ta' qabel li ġiet eradikata mill-ispazji u mill-artijiet tagħha.

B'hekk għall-inqas kellek tliet strati li kellhom interess perikuluż u intuwittiv antiborgiż: il-klassi fewdali aristokratika marbuta mal-artijiet li tilfet kompletament is-sors tal-poter tagħha, il-klassi l-baxxa agrikola li kienet suġġetta u għadu naturali ta' din l-istess klassi dominanti u li tilfet kull dritt li kellha fuq l-art, u l-klassi l-ġdida tal-ħaddiema li sfat ċentru ta' sfruttar, bla drittijiet, u bla art. Dawn it-tliet strati, għalkemm ideoloġikament kontrapposti għal xulxin, sabu possibilità stramba li jingħaqdu flimkien kontra l-progress teknoloġikament aggressiv ta' sistema ġdida ekonomika: dik borgiża. Xi eżempji magħrufin ta' kuxjenza bikrija tal-forzi u l-konsegwenzi tar-rivoluzzjonijiet soċjali u industrijali huma l-Young England Party bħala entità u, bħala ħassieba u kittieba individwali, figuri bħal Charles Forbes René de Montalembert, Lord John Manners, Lord Anthony Ashley, Benjamin Disraeli, Thomas Carlyle, Emanuel Swedenborg, Edmund Burke, Robert Southey, Samuel Coleridge, Louis de Bonald, u Joseph De Maistre fost oħrajn.

Dawn, flimkien ma' ħafna oħrajn, u fi ħdan movimenti politiċi u ideoloġiċi madwar l-Ewropa, irnexxielhom jgħaqqdu filosofija u movimenti b'saħħithom kontra din il-borgeżija trijunfanti, u kienu sa ċertu punt jew ieħor jemmnu li l-fewdaliżmu, anke monarkiku, kien l-unika risposta għall-kollass sħiħ li ġabet magħha r-rivoluzzjoni borgiża madwar l-Ewropa. Din l-idea nibqgħu nsibuha anke aktar tard fix-xogħlijiet ta' Louis-Ferdinand Céline u paradossalment f'dawk ta' Ezra Pound.

Ħafna mill-istess esponenti ta' din il-fergħa politika kienu, bħal Dun Karm, isostnu l-fidi tagħhom li l-ideat soċjali tagħhom u l-ideoloġija tas-Soċjaliżmu fewdali għandhom ġustifikazzjoni traxxendenti u providenzjali-divina, anke teleoloġika. Fil-fatt, jista' jingħad b'mod ġenerali li kienu tliet elementi li essenzjalment integraw din il-politika: il-Kattoliċiżmu, ir-Realiżmu Kostumbrista u l-Mistiċiżmu, li kellhom bħala xejra komuni l-konfront mal-iżvilupp pragmatiku, vjolenti tal-borgeżija industrijali. Il-borgeżija industrijali ġabet magħha kaos tremend, l-aktar billi ħarbtet il-valuri u l-ordni tradizzjonali. Welldet mases ta' faqar, mases ta' movimenti politiċi, ta' tibdiliet radikali li magħhom welldu anarkija sħiħa, speċjalment f'għajnejn l-istruttura fewdali eżistenti qabel. B'hekk, l-appell tal-klassi dominanti ta' qabel kien li tuża l-prinċipji u l-possibilitajiet eġemoniċi tagħha sabiex issib mod kif treġġa' lura din il-ċiviltà li f'għajnejha kienet mostruża u bla ebda rispett lejn xejn ħlief il-profitt, treġġa' l-istorja lura lejn soċjetà bbażata fuq ordni u ġerarkija divina fewdali rurali.

Nistgħu naraw effetti oħra relevanti, bħalma kien il-pjan ta' George-Eugène Haussmann ġewwa Pariġi, li qered il-Belt ta' Victor Hugo sabiex tana Pariġi kif nafuha llum, bil-massakri

diżastrużi minsija; l-effetti tal-politika tal-art agrikola fl-Ingilterra li taw bidu traġiku lill-mixja lejn massakri li wkoll inħbew fil-profond tas-subkonxju kollettiv; u l-hekk imsejħa liberalizzazzjoni tas-servi fir-Russja li tat bidu għal kriżijiet umanitarji liema bħalhom. Malta ma kinitx sajma għalkollox minn dawn l-avvenimenti. Mhux ta' b'xejn ix-xogħol ta' Antonio Sciortino *Les Gavroches* jgħaqqad l-istorja traġika u projbita ta' Victor Hugo, *Les Misérables*, mal-forma viżiva radikali ta' Delacroix *Liberty Leading the People,* flimkien max-xogħol tal-artist Russu Perov *Troika:* bil-ħars tat-tliet eroj fil-vojt u fix-xejn tal-futur mhux magħruf.

Juann Mamo jirrikorri għal mod ieħor kif iġib interazzjoni bejn klassijiet differenti u joħloq dibattitu fuq il-qsim bejniethom: billi jġiegħel lil ulied in-nanna Venut jaħarbu lejn iċ-ċentru tal-Kapitaliżmu internazzjonali, l-Istati Uniti, u bħalma ġara fl-Ewropa jurihom qegħdin jirritornaw b'xejn u fil-vojt inizjali ta' arthom, fost traġedji kważi-komiċi. Hawnhekk tidħol ir-relevanza ta' Dun Karm. Kontra l-invażjoni ta' klassi radikalment differenti u bla skrupli, Dun Karm bħal xi kollegi tiegħu Ewropej ma setax ma jirreaġixxix u, kif ingħad qabel, irreaġixxa anke kontra l-libertà tal-għerf u l-progress ibbażat fuq l-għerf kif definit mill-Illuminiżmu.

Dan nistgħu nkomplu nsostnuh meta naqraw 'Il-Qawl': 'għax il-progress għallimhom / iduru ma' kull riħ,' jew fejn anke jkompli jirredikola x-xjenza tal-evoluzzjoni fil-poeżija 'Evolution.' U wkoll, għalkemm forsi mhux daqshekk konxjament, fil-poeżija 'Il-Kelma' jisfida l-ħsieb radikali ġdid fuq il-kunċett ta' lingwa kif itteorizzat minn Ferdinand de Saussure u minn Ludwig Wittgenstein.

L-uniku mod kif Dun Karm seta' jipprova jifhem il-progress jixbah ħafna l-ħsieb ta' Heidegger, li bħal Dun Karm kien qed jappella għal ritorn lejn il-*jien awtentiku* permezz ta' ritorn lejn il-ħamrija u lejn ir-rural. Fil-poeżija 'O Radio,' Dun Karm jerġa' jersaq lejn Heidegger fis-sens li jaċċetta – dak li nsejjaħlu 'coopted appropriation' – ir-rivoluzzjoni industrijali u teknoloġika, li issa saret realtà sħiħa b'għeruqha mifruxin, jekk din tiddaħħal bħala parti mill-abitat uman li mhux għajr l-essenza tal-bniedem, kif ukoll jekk narawha bħala mod ta' kif nistgħu nifhmu u nintegraw id-divin.

# 3

Ma nistgħux naraw lil Dun Karm taħt lenti ġusta jekk ma nikkomparawhx ukoll max-xogħlijiet tal-pittur George Preca, wieħed mill-missirijiet tal-Moderniżmu fil-pittura, u aktar tard anke ma' dawk tal-Ingliż Julian Trevelyan.

Preca jagħtina mod differenti kif inħarsu lejn l-idillju rurali. Jużalek idjoma Fauvista li tersaq ferm lejn Raoul Dufy. Hija ħaġa vitali li nistudjaw kif sferi differenti tal-arti rrappreżentaw u mmanifestaw it-twemmin soċjali tagħhom b'modi radikalment differenti. U b'hekk l-analiżi komparattiva ta' Dun Karm toħroġ aktar ċara. Apparti x-xogħlijiet ta' Caruana Dingli, nistgħu wkoll niżviluppaw il-kritika Dunkarmjana f'paralleliżmu interessanti max-xogħlijiet fil-mużika ta' Carmelo Pace, Paolino Vassallo u Josie Mallia Pulvirente. U f'dan id-diskors, importanti ferm insemmu lil Giuseppe Caruana.

L-istudju ta' Charlò Camilleri juri kif Dun Karm segwa b'perfezzjoni l-filosofija anti-Modernista li kienet pedament integrali fil-politika Konservattiva u anke reazzjonarja ta' Papa Piju X. L-oppożizzjoni li organizza u wettaq kontra l-Moderniżmu dan il-Papa saret ħaġa leġġendarja. Sehem importanti ieħor tal-istess Papa jinsab ukoll fl-inkontru bejn ir-rivoluzzjonijiet tal-klassi tal-ħaddiema, bil-popolarità massiva tagħhom, u l-Kapitaliżmu. Fil-fatt, fuq din il-mewġa internazzjonali Soċjalista taż-żmien kien ħoloq riformi fil-Knisja

li setgħu joffru diverġenzi radikali fi ħdan il-klassi tal-ħaddiema, sabiex b'hekk tinħoloq xiżma fis-Soċjaliżmu bikri. Iżda l-kundanna tas-Soċjaliżmu, tal-Moderniżmu u tar-Relattiviżmu kienet ukoll aspett fundamentali magħrufa tal-politika ta' dan il-Papa. Ġie kkritikat li bħallikieku kien ħoloq inkwiżizzjoni tas-seklu 20, li laħqet il-kulminu tagħha fit-twaqqif kontroversjali tas-*Sodalitium Pianum*, immexxija mill-Monsinjur Umberto Benigni primarjament kontra l-Moderniżmu. Dan issarraf f'kunflitt qawwi mal-andament tal-istorja tal-arti u tal-mużika, u kellu effetti negattivi fl-iżvilupp tal-moviment Modernista f'diversi reġjuni.

Fil-fatt, id-digriet *Lamentabili Sane Exitu* (1907) flimkien mal-enċiklika *Pascendi Dominici Gregi* kkundannaw kwalunkwe aspett tal-Moderniżmu u dan kollu wassal ukoll għall-ħalfa imposta kontra dan l-iżvilupp kollu tas-seklu 20, il-ħalfa kontra l-Moderniżmu *Sacrorum antistitum*, li min ma kienx jobdiha kellu jaffronta skomunika. Dan il-Papa kien ukoll pilastru kontra l-kunċett tas-separazzjoni bejn l-Istat u l-Knisja. Fil-fatt, kien hemm anke każijiet fejn isqfijiet ġew imkeċċija għax azzardaw jirrikonoxxu l-Istat lajk ta' Franza, il-Portugall, il-Polonja u pajjiżi oħra fejn bdiet tieħu l-għeruq sew din id-direzzjoni sekulari, u dawn it-tendenzi ntrabtu mad-Dnub il-Mejjet.

Charlò Camilleri wera tajjeb kif il-valuri propagati minn dan il-Papa kienu fattur determinanti fil-poetika, il-poeżija, u t-twemmin ta' Dun Karm. Barra minn hekk, fid-diskors tiegħu ta' ftit żmien ilu għal din it-tradizzjoni tal-Konferenza Karmen Mikallef Buħaġar, dan il-kelliem wera b'mod konvinċenti li l-ħsibijiet ta' Dun Karm kienu diġà fformulati fl-istess orjentament, saħansitra minn qabel ix-xeħta konservattiva tal-Papa Piju X, u allura r-rwoli tiegħu

kemm bħala poeta kif ukoll bħala kuxjenza politika fis-sens wiesa' tal-kelma sabu posthom b'kumdità taħt l-istess Papa, 'mingħajr turbulenzi jew kuntradizzjonijiet' (Camilleri bp). Personalment, jiena għandi d-dubji tiegħi kemm Dun Karm aċċetta dan mingħajr ebda kuntradizzjoni. Ngħidu aħna, għandu jsir ukoll studju tar-relazzjonijiet ta' Dun Karm ma' Lord Strickland (1861-1940), Prim Ministru ta' Malta, u favorit ta' Caruana Dingli li wkoll kellu jiffaċċja tensjonijiet kbar minħabba l-ideali tiegħu ta' modernizzazzjoni u ta' sekularizzazzjoni ta' Malta. Strickland u Dun Karm kienu kontemporanji. Fl-ispirtu ta' Papa Piju X, Strickland iffaċċja d-Dnub il-Mejjet kontrih, ġrajja li kif nafu rrepetiet ruħha fis-sittinijiet fil-kuntest il-ġdid tal-moviment Laburista. Esperjenza oħra gravi li għadda minnha Strickland kienet l-attentat fuq ħajtu. Kontemporanji oħra ta' Dun Karm kif diġà semmejna kienu Manwel Dimech (1860-1921) u wkoll Juann Mamo (1886-1941), figuri li żgur kienu fatturi meqjusin mill-poeta. Filwaqt li Mamo ħareġ *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerika* (1930), Dun Karm kien qiegħed jidealizza l-passività konservattiva.

Tajjeb insemmu wkoll li Charlò Camilleri, fit-taħdita pubblika tiegħu ta' ftit snin ilu, b'mod interessanti kkonċentra fuq is-sena 1913 u waħħad ġustament lil Dun Karm kemm mal-avveniment reliġjuż storiku ta' din is-sena, kif ukoll mal-monument ta' Antonio Sciortino, magħruf bħala *Kristu Re* li, kif jgħid sewwa Camilleri, kellu jissejjaħ il-monument *Qalb ta' Ġesù.* Hawnhekk Dun Karm paradossalment (u għalhekk huwa poeta kbir) ħa pożizzjoni radikali u sab l-idjoma Rodineska li sawret il-monument ta' Antonio Sciortino bħala idjoma li l-aktar tirrifletti l-verità teoloġika tax-xbieha ta' Kristu, Re tal-fqar, ħaġa li ġiet attakkata minn elementi artistiċi u Kattoliċi taż-żmien.

Ma ninsewx illi ftit xhur wara dan il-Kungress Ewkaristiku tal-1913 faqqgħet l-Ewwel Gwerra Dinjija. U din ma faqqgħetx bl-addoċċ. Fl-1913 diġà kellna tensjonijiet kbar li kienu qed jippreparaw id-dinja għall-akbar atroċitajiet tal-1914, atroċitajiet li l-istorja sa dak iż-żmien qatt ma kienet ħolmot bihom. Iżda s-sena 1913 kienet ukoll mimlija b'avvenimenti li radikalment biddlu l-istorja u l-evoluzzjoni storika taċ-ċiviltà umana.

Ovvjament, huwa impossibbli li hawn, f'din it-taħdita, nidħlu f'analiżi dettaljata ta' dawn it-tensjonijiet tal-perjodu, iżda hemm bżonn li niftakru kemm wieħed mill-eżempji Modernisti tal-istess sena, *Nude Descending a Staircase* ta' Marcel Duchamp, ħoloq skandlu internazzjonali, u kif fis-sena 1913 fl-Amerika, fl-Armory Show, l-iskultura ta' Umberto Boccioni, Alexander Archipenko, u Jacob Epstein qalbet il-prinċipji tradizzjonali f'dan il-qasam artistiku. Il-Moderniżmu, f'dan il-mument storiku, kien daħal fil-perjodu tal-konsolidazzjoni tiegħu.

Il-pittura ta' Robert Delaunay ipprovokat mezz ġdid ta' kreattività. Il-bidu tal-ġurnal Futurista *Lacerba* flimkien mal-*Manifeste Futuriste de la Luxure* stabilixxa prinċipji ta' rivoluzzjoni niħilista. Pablo Picasso, Georges Braque, Francis Picabia, Marcel Duchamp, Constantin Brancusi u Henri Matisse kienu kollha kontemporanji ta' Dun Karm u Caruana Dingli, u ħolqu dinja ġdida ta' ħsieb u ta' prassi kreattiva. Guillaume Apollinaire fetaħ l-attakk tiegħu kontra l-arti tal-poeżija b'*Alcools Poèmes,* u r-rivoluzzjoni fl-arti tal-kelma kompliet titwettaq b'modi straordinarji minn James Joyce u Ezra Pound, fil-mużika minn Eric Satie u Arnold Schoenberg.

Fl-istess żmien insibu lil Rodin, influwenza ewlenija fuq Sciortino, f'Londra sabiex jistabilixxi l-post għal *Burghers of Calais*. L-iskandlu infami ta' *Le Sacre du Printemps* ta' Igor Stravinsky, kostumi ta' Nikolai Roerich u korjografija ta' Vaslav Nijinsky invadew id-dinja kollha b'qawwa liema bħalha. Il-mużika, il-korjografija taż-żfin, id-disinn fl-ilbies biddlu l-lingwi rispettivi tagħhom. Dan kollu kien kontemporanju maż-żminijiet ta' Dun Karm u ta' Caruana Dingli.

Fl-istess żmien Filippo Tommaso Marinetti jiddikjara l-manifest tiegħu *Parole in Libertà* u Luigi Russolo joħloqlok l-*Arti tal-Ħsejjes.* Il-ħoss u l-istorbju saru parti integrali mill-kategoriji artistiċi. L-ewwel trażmissjoni bla fil (*wireless signal*) seħħet mit-Torri Eiffel u Roland Garros qasam bl-ajru, għall-ewwel darba fl-istorja, mill-Mediterran Ewropew għall-kosta Magrebina. L-opera *Victory over the Sun* ta' Aleksei Kruchenykh, Mikhail Matyushin u Kasimir Malevich irrappreżentat ir-rebħa tal-bniedem fuq in-natura, fuq l-univers, fuq il-kożmos. Il-bniedem issa beda jikkontempla l-kapaċità li saħansitra jwaqqaf il-mixja tax-xemx, u dan kollu fl-istess żmien tal-monument lil Kristu Re.

Kif jgħid Jon Wood, ħafna huma dawk is-snin partikolari li donnhom jaqgħu taħt għajnejn l-istudjużi, għax kellhom fihom mumenti li bħal terremot u tsunami bidlu l-evoluzzjoni kollha tal-umanità (3). L-1913 hija fil-fatt waħda minn dawn is-snin. Minbarra din il-lista li tajt hawn fuq, ma nistgħux ninsew ix-xogħol ġenjali ta' Marcel Proust, kontemporanju ieħor ta' Dun Karm, u x-xogħol *Totem and Taboo* ta' Sigmund Freud, li bħal oħrajn issa fetaħ il-bibien għall-aġenziji interni, psikoloġiċi tal-bniedem.

Sploda l-lingwaġġ tal-Kubo-Futuriżmu. L-idea ta' 'simultanjetà' firxet għeruqha f'ħamrija fertili. Irriflettiet anke l-filosofija Relattivista, attakkata kif rajna diġà bl-aħrax mid-domma ta' Papa Piju X.

Il-ħsibijiet madwar iż-żmien jew il-ħin u l-ispazju bdew isibu interpretazzjonijiet oħra u radikalment differenti, speċjalment taħt l-influwenza tal-kitbiet filosofiċi ta' Henri Bergson *Time and Free Will* (1896) u *Creative Evolution* (1907) li saħansitra mingħajr ma emmen li rridu nreġġgħu l-arloġġ lura kellu l-kapaċità jisfida lil Albert Einstein u t-teoriji ġodda li nibtu.

Dawn l-iżviluppi kollha fl-arti u fil-ħsieb bdew jiddeterminaw modi strambi, imbegħdin sew mill-metodi familjari għall-udjenza tal-arti, kif wieħed għandu jirrappreżenta u jimmanifesta ħajja ġdida, kumplessa, globalizzata, u anke inċerta għall-aħħar. Dawn kienu kollha ingredjenti effettivi fil-mixja lejn il-kunflitt mondjali li żbroffa fl-1914.

Il-Moderniżmu fisser ukoll rivoluzzjoni drammatika fix-xjenza u kif din, bħall-arti, kellha tbiddel il-kategoriji fissi tradizzjonali sabiex forsi tasal f'għerf u tagħrif ġodda murija fi studji u riċerki bħal ta' Einstein, Niels Bohr u Werner Heisenberg.

Ġie attakkat anke l-atomu, u bħalma Kasimir Malevich attakka x-xemx u n-natura fit-teorija tiegħu tal-arti, il-bniedem inġenerali ħassu wasal f'mument meta seta' finalment u realment jaħkem in-natura. L-atomu ma baqax indiviżibbli kif kienu jaħsbu l-Griegi, u Ikarus irnexxielu b'suċċess jersaq lejn ix-xemx mingħajr ma jaqa' fid-diżgrazzja mitoloġika. Id-dawl ma baqax miraklu iżda sar fenomenu li jista' jiġi studjat u kkontrollat.

In-natura saret ħaġa li tista' tiġi okkupata u sfruttata. Il-Moderniżmu ħoloq is-Superman u fl-istess ħin il-mostru ta' Frankenstein. U flimkien ma' dawn l-avvenimenti Dun Karm u Caruana Dingli kellhom jiffaċċjaw, b'mod jew ieħor, dinja mibdula radikalment. Kif itenni Rabaté, is-sena 1913 kienet sena fruntiera: il-mewt ta' ordni u l-bidu ta' era: kienet qed tippropaga ħarsa lejn il-ġdid u lejn forom esperimentali, mod ġdid ta' kif għandna nħarsu lejn il-preżent fi ħdan bidliet radikali, kemm dawk teknoloġiċi kif ukoll industrijali (1-15 *passim*). F'dan l-ambitu mqabbel, Sciortino offra Re ħafi u Dun Karm iddefendieh.

Lil Dun Karm u l-monument *Kristu Re* għandna narawhom f'din l-istampa kumplessa bit-tensjonijiet u l-paradossi kollha. Jekk nifirduhom minn x'kien qed jiġri f'kuntest globali bl-influwenzi qawwija tiegħu, u nagħmluhom f'bozza, inkunu qed inreġġgħu lura l-istudji fuq Dun Karm għall-ideat Konservattivi ta' qabel is-sittinijiet. Fis-sittinijiet inbeda proċess vitali magħruf bħala proċess ta' 'dekostruzzjoni,' u l-mewġ tiegħu mess ukoll lil Dun Karm, fost oħrajn. F'dak il-perjodu ridna nneżżgħu lil Dun Karm mill-awra ta' Benjamin, jiġifieri minn artistiċità maqtugħa mir-realtà storika u soċjali. Kien proċess importanti immens. Iżda issa hemm bżonn li nerġgħu nikkostruwixxu mill-ġdid, mhux biex inġibu lil Dun Karm kif kien interpretat qabel, iżda sabiex inpoġġuh f'livell kwalitattivament ġdid: il-Moderniżmu u lil hinn minnu.

Il-verità ma baqgħetx monopolju Ewropew. Saret fil-fatt diviżibbli daqs kristall priżma li jippreżenta mappa ta' kulturi differenti, fejn ir-reliġjonijiet tilfu r-rwol ewlieni jew il-monopolju politiku tagħhom u bil-mod il-mod kellhom jaċċettaw il-verità

pluralistika. Demokraziji, drittijiet, ugwaljanzi, rispett għal kull idea – dawn sabu posthom, anke jekk b'tensjonijiet kbar, fi ħdan ċiviltà ġdida. L-urbanizzazzjoni teknoloġikament avvanzata u globali taħt il-liġijiet tas-swieq Kapitalisti ħolqu flimkien, paradossalment, dinja waħda bi pluralità intellettwali. Dan kien il-qofol tal-Moderniżmu.

U hawn jimmanifestaw ruħhom il-pitturi ta' Caruana Dingli li taw velu wisq irreali ta' dan l-iżvilupp tremend, moħbi taħt virtwożità kkulurita. U hawn jinsabu l-poeżiji ta' Dun Karm li ma setgħux jaċċettaw din il-bidla wisq radikali.

# Biblijografija

Azzopardi, Mario. *Dun Karm. Bejn il-Vatikan, id-Duce u l-Kuruna*, PEG, 1993.

Biral, Bruno. *La Posizione Storica di Giacomo Leopardi*, Piccola Biblioteca Einaudi, 1974.

Buber, Martin. *Paths in Utopia*, Syracuse U P, 1996.

Camilleri, Charlò. *Dun Karm: Tamietu bejn Fidi u Nazzjon.* Taħdita pubblika: 27 ta' Novembru, 2014.

Friggieri, Oliver. *Mekkaniżmi Metaforiċi f'Dun Karm*, Università ta' Malta, 1978.

Friggieri, Oliver. *Dun Karm. Il-Poeżiji Miġbura*. KKM/KMB, 1980.

Friggieri, Oliver. *Influssi Manzoniani sul poeta nazionale di Malta, Dun Karm*, Silarus, 1982.

Friggieri, Oliver. *L'Esperienza Foscoliana di Dun Karm, il Poeta Nazionale di Malta*, Il Delfino, 1983.

Friggieri, Oliver. *Environmental Elements in Maltese Literature: Nature as Metaphor in Dun Karm, the National Poet of Malta*, University of Malta, 2001.

Jay, Mike. '*Like Cooking a Dumpling*.' *London Review of Books*, 20 November 2014, pp. 25-26.

Kaes, Anton et al. *The Weimer Republic SourceBook*, University of California P, 1994.

Levitin, Dmitri. *Such Matters as the Soul*, LRB 22 September 2016.

Lowy, Michael and Robert Say. *Romanticism Against the Tide of Modernity*, Duke U P, 2002.

Rabatè, Jean-Michel. *1913. The Cradle of Modernism*, Blackwell Publishing, 2007.

Secord, James. *Visions of Science. Books and Readers at the Dawn of the Victorian Age*, University of Chicago P, 2015.

Sheehan, Thomas (ed.). *Heidegger: The Man and the Thinker*, Transaction Publishers, 1981.

Vieira, Patricia and Michael Marder (ed.). *Existential Utopia. New Perspectives on Utopian Thought*, Continuum International, 2012.

Wood, Jon. *1913: The Shape of Time (HMI, 2012-13)*, Henry Moore Institute, 2012.

Wootton David: *The Invention of Science. A New History of the Scientific Revolution*, Penguin, 2015.

ISBN: 978-99957-1-484-0
9 789995 714840